# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Novembru, 2022

**Numru**

**Rikors Numru: 1017/2018 TA (gia LM)**

**Victor Spiteri (I.D. 0022639M)**

**Vs**

**John Mary Briffa (I.D. 755651M)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-Attur fis-16 ta' Ottubru 2018 fil-11 ta' Ottubru 2018 li permezz tagħha talab is-segwenti:-

1. ''Illi fit-2 ta' April 2018 l-attur kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Mazda Demio numru tar-reġistrazzjoni ACF767 fi Triq tal-Barrani, Żejtun u kellu miegħu bħala passiġġiera lill-martu Pauline Spiteri.

2. Illi fl-istess data u ħin filwaqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura tal-marka Daihatsu Storia numru tar-reġistrazzjoni ABR276 fl-istess Triq minħabba negliġenza, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, l-istess konvenut baqa' dieħel ġol-vettura tal-attur bir-riżultat li kkaġunalu korriment gravi li wassal għal debilita permanenti fil-persuna tal-attur u danni oħra. Kopja tar-rapport u sketch rilaxxjat mill-Pulizija qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dok VS 1**.

3. Illi dan l-inċident seħħ unikament u totalment tort u ħtija tal-konvenut minħabba non-kuranza, negliġenza, imperizja, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u nuqqas ta' diliġenza hekk kif titlob il-Liġi da parti tal-istess konvenut.

4. Illi bħala konsegwenza tal-inċident fuq imsemmi l-attur ġie li soffra danni konsistenti sia f'damnum emergens u kif ukoll f'lucrum cessans, konsistenti f'debilita permanenti, liema danni ser jiġu ppruvati aħjar waqt l-andament tal-kawża.

5. Illi l-konvenut interpellat ukoll permezz ta' ittra uffiċjali datata 11 ta' Lulju 2018, u debitament notifikata, (**Dok. VS 2**) sabiex jersaq għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-attur, dan baqa' inadempjenti.

6. IIIi l-attur intavola wkoll l-opportuna ittra uffiċjali kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. IIIi għalhekk kellu jiġi ntavolat dan ir-rikors ġuramentat.

**GHALDAQSTANT** ir-rikorrenti qiegħed, għar-raġunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa w opportuna, illi:

1. TIDDIKJARA illi l-inċident hawn fuq imsemmi tat-2 ta' April 2018, fi Triq tal-Barrani, Zejtun, seħħ unikament tort tal-konvenut.

2. TIDDIKJARA, għalhekk, lill-konvenut bħala responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur bħala konsegwenza tal-istess inċident.

3. TILLIKWIDA, akkorrendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans bħala konsegwenza tal-inċident fuq imsemmi.

4. TIKKUNDANNA lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma hekk kif likwidata fit-tielet talba rappreżentanti d-danni kollha sofferti mill-attur bħala konsegwenza tal-inċident fuq imsemmi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Lulju 2018 u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-inċident sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni''.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-Konvenut ippreżentata u maħlufa minnu fil-31 ta' Lulju 2019 wara li, fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2019, il-Qorti qieset li kellu raġuni tajba għalfejn naqas li jippreżenta r-risposta maħlufa fiz-żmien. Permezz tagħha l-Konvenut wieġeb is-segwenti:-

1. ''Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-Dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-

esponenti kien b'xi mod jaħti għall-inċident in kwistjoni u dana hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

**2.** Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għal fuq premess, kull somma ta' danni pretiża mir-rikorrenti hija kontestata, u r-rikorrenti għandu jressaq l-aħjar prova valida skond il-Liġi sabiex jipprova dak minnu allegat in linea ta' danni in konnessjoni ma' dan l-inċident u li juri li d-danni pretiżi minnu huma riżultat esklussiv tal-inċident mertu tal-kawża u tal-ebda inċident preċedenti, jew ta' xi *pre-existing health condition* illi seta' kien qed ibati minnha, jew ta' kwalunkwe ċirkostanza oħra;

**3.** Illi fl-aħħar nett, mingħajr preġudizzju għal fuq premess, l-esponenti jeċċepixxi illi f'każ ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni a favur ir-rikorrenti, għandha titnaqqas kull somma ta' benefiċċju u/jew kumpens illi r-rikorrenti diġá ħa jew ser jieħu minn sorsi oħrajn – sew pubbliċi kif ukoll privati – minħabba l-istess inċident mertu tal-kawża odjerna;

**4.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-każ''.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-Tnejn 13 ta' Ġunju 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Dawn il-proċeduri huma riżultat ta' ħabta frontali bejn il-vettura tal-marka Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni ACF 767 misjuqa mill-Attur u l-vettura tal-marka Daihatsu Storia bin-numru ta' reġistrazzjoni ABR 276 misjuqa mill-Konvenut. Fiż-żmien tal-inċident l-Attur kellu 79 sena filwaqt li l-Konvenut kellu 66 sena (ara rapport tal-pulizija a' fol 69 u 72 u att ta' twelid tal-Attur a' fol 418).

Mir-Rapport tal-Pulizija jirriżulta, li l-ħabta seħħet fit-2 ta' April 2018 fi Triq tal-Barrani, Żejtun faċċata tan-niċċa tal-Madonna, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (ara

fol 68). Wara li rċeviet rapport l-għassa taż-Żejtun, il-pulizija li kienu stazzjonati hemmhekk marru fuq il-post "*fejn hemm sabu żewġ vetturi maħbutin fuq it-Traffic lights ta' Triq tal-Barrani fuq il-karreġjata li minn Ħal-Tarxien tmur fid-direzzjoni taż-Żejtun u fuq il-karreġjata li mid-direzzjoni taż-Żejtun tmur lejn Bulebel.*" (ara fol 74). Il-Pulizija ħadet ukoll skizz tal-inċident (a' fol 15).

Mill-istess rapport jirriżulta li "*Minn investigazzjoni li saret mill-pulizija irriżulta illi vettura ABR276 tal-għamla Daihatsu kienet ġejja miż-Żejtun u kisret sabiex tmur lejn Bulebel u l-vettura l-oħra ACF767 tal-għamla Mazda kienet ġejja dritta minn Ħal-Tarxien u kienet sejra dritt lejn iż-Żejtun meta ltaqaw* [u] *seħħet il-ħabta.*" (ara fol 73).

Fil-mument tal-ħabta l-attur kellu miegħu lil martu Pauline Spiteri li kienet riekba maġenbu fis-seat tal-passiġġier ta' quddiem (ara rapport tal-Pulizija a' fol 75 u affidavit Attur a' fol 39 para 2).

Skont il-verżjoni tal-attur kif jirriżulta mir-rapport tal-Pulizija dik inhar tal-inċident, il-ħabta seħħet b'dan il-mod: "*kont ġej mid-direzzjoni ta' Ħal Tarxien sejjer dritt lejn Ħal-Għaxaq fuq il-lane ta' barra, l-lights kienu qed jixgħelu ħodor allura bqajt ħiereġ, meta ġiet vettura mid-direzzjoni opposta u kien sejjer lejn Bulebel kiser fuq il-lemin u daħal ġo fija. Miegħi kien hemm il-mara Pauline li anqas indunat b'xejn.*" Il-mara tiegħu Pauline fil-fatt ma tat l-ebda verżjoni lil Pulizija (ara rapport a' fol 70).

Il-Pulizija ħadet ukoll il-verżjoni tal-Konvenut John Mary Briffa. Huwa qal li "*jien kont ġej minn naħa taż-Żejtun xegħlu t-traffic lights dawl aħdar ksirt lejn Bulebel fuq il-lemin u ġiet mid-direzzjoni opposta u daħal fija*"(ara rapport fol 73).

Jirriżulta mill-istess rapport li l-vettura misjuqa mill-Attur ġarrbet ħsara fil-*bonnet*, *front bumper*, *front right wing*, *front right wheel*, *right headlight* u *front right door* (ara fol 71). Il-vettura misjuqa mill-konvenut ġarrbet ħsara fil-*bonnet*, *front bumper*, *front right wing* u *front windscreen* (ara fol 73).

Joħroġ mill-atti li, fiż-żmien li seħħet il-ħabta, il-vetturi tal-partijiet kienu t-tnejn assikurati mal-istess kumpanija assikuratriċi li hija Gasan Mamo Insurance Limited (ara ċertifikati tal-assikurazzjoni a' fol 299 u 329 u xhieda tar-rappreżentanti ta' Gasan Mamo Insurance Limited Malcom Aquilina a' fol 86 u Kristian Vella a' fol 289). Iż-żewġ partijiet issottomettew claim mal-istess kumpanija (ara claim tal-Konvenut sottomessa fit-13 ta' April 2018 a' fol 331 u claim tal-Attur sottomessa tlett ijiem wara fis-16 ta' April 2018 a' fol 312).

Fl-istatement tal-claim sottomessa minnu, l-Attur iddikjara li "*I was driving to go to Żejtun and had just past the traffic light while the light was green. This other guy came cutting through the lanes*" (ara fol 313). Fl-istatement tal-claim sottomessa minnu l-Konvenut minn naħa tiegħu iddikjara li "*Jien kont ġej minn B'Buġia u waqaft fuq il-lights li jgħatu għal Bulebel. Kont wieqaf fuq il-lights u kif qalbu ħodor ġiet vleġġa iġifieri ħriġt u ġie l-ieħor mill-faċċata l-oħra. Baqa ħiereġ fuq l-aħmar l-ieħor u daħal fija.*" (ara fol 332)

Il-Kumpanija stħarrġet id-danni subiti fiż-żewġ vetturi permezz ta' żewġ survey reports, wieħed fuq il-vettura tal-Konvenut datat 17 ta' April 2018 (a' fol 338) u l-ieħor fuq il-vettura tal-Attur datat 23 t'April 2018 (a' fol 316). Fir-rigward tal-vettura tal-Konvenut, is-surveyor Malcolm Bonniċi iddikjara li "*after assessing the vehicle and taking into consideration both the vehicle market value prior to the accident and the nature of the damage incurred, I do not recommend repairs*." Fir-rigward tal-vettura tal-Attur, is-surveyor Maurice Azzopardi hemm iddeskriva d-danni bħala "*extensive (Heavy)*".

Permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata datata 27 ta' April 2018, l-Attur iddeċieda jikkorrabora l-verżjoni tiegħu kif ġej:

"*Jien kont qed insuq il-vettura tat-tip Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni ACF-767 fit-2 ta' April 2018 għall-ħabta tal-5:30pm fi Triq tal-Barrani direzzjoni lejn Ħal-Għaxaq, meta konna għadna kemm niskorru t-traffic lights li nikkonferma li kienu ħodor meta f'daqqa u l-mument daret karozza li kienet ġejja min-naħa taż-Żejtun biex daret għal Bulebel u baqgħet dieħla fil-karozza misjuqa minni. Illum naf li min kien qed isuqha jismu John Briffa u kien qed isuq karozza Daihatsu. Il-karozza ta' Briffa kienet ġejja min-naħa taż-Żejtun u kisret lejn Bulebel iżda x-xufier Briffa kien qed isuq fl-aktar lane lejn ix-xellug meta suppost kien qed iżomm man-naħa tal-lemin. Għalkemm jiena ma stajtx nara l-lights tiegħu, sa fejn naf jien, meta l-lights minn fejn kont għaddej jien ikunu ħodor, dawk minn fejn ried idur Briffa jkunu ħomor.*" (fol 320)

Dik inhar il-mara tal-Attur ukoll iddeċidiet tiddikjara s-segwenti:

"*Nikkonferma li fit-2 ta' April 2018 għall-ħabta tal-5:30pm kont ninsab passiġiera fil-karozza ma' żewġi u konna sejrin lejn Ħal-Għaxaq. Waqt li konna qed insuqu fit-Triq tal-Barrani, direzzjoni lejn Ħal-Għaxaq, ftit wara li skorrejna l-lights li nikkonferma li kienu ħodor, daħlet ġo fina l-vettura tat-tip Daihatsu li llum naf li misjuqa minn ċertu John Briffa li qalilna li huwa mill-Birgu. Mill-bqija jiena rajt l-affidavit ta' żewġhi Victor Spiteri u nikkonferma u nagħmlu tiegħi.*" (fol 319)

Fl-affidavit tiegħu preżentat f'dawn il-proċeduri fil-5 ta' Ġunju 2019, l-Attur għadda biex jiddiskrivi l-inċident b'dan il-mod:

"*Ftit wara li kont għaddej fit-triq tal-barrani, intfajt insuq fuq il-lane tal-lemin nipprepara biex meta jkun il-waqt indur lejn Ħal-Għaxaq. Peress illi t-traffic lights li hemm fit-triq kienu ħodor u jiena kont għaddej bil-mod jiena komplejt nipprosegwi fid-direzzjoni tiegħi. X'ħin qbiżt it-traffic lights ta' ħdejn in-niċċa nara karozza li kienet gejja mid-direzzjoni opposta ġejja bi speed qawwi, jiġifieri fi triqtha għal Santa Luċija. Din il-karozza kienet fuq l-aħħar lane tax-xellug tiegħu. F'daqqa mill-ħin dan ħareġ sparat mill-lane tax-xellug tat-triq tiegħu u dar f'daqqa u bi speed qawwi lejn il-lemin biex imur lejn Bulebel (Industrial Estate Area). Dak il-ħin jiena kont għaddej fuq triqti dritt fuq il-lane tal-lemin tal-karreġġjata tiegħi. Kif rajt li din il-karozza ġejja full speed għal fuq il-karozza tiegħi, jiena żammejt brake biex forsi ma jibqax dieħel fija iżda dan baqa' dieħel head on ġol-karozza tiegħi fil-ġenb tal-lemin ta' quddiem tal-karozza tiegħi u cioe fuq il-ġenb tar-rota ta' quddiem tal-lemin tal-karozza tiegħi.*" (fol 39 para 3)

Jirriżulta li wara li seħħ l-inċident kemm l-Attur u martu kif ukoll il-Konvenut ittieħdu l-Isptar bl-ambulanza (ara rapport a' fol 75). Hemm l-attur u martu ġew ċertifikati li qed isofru minn ġrieħi ta' natura ħafifa ("slight") filwaqt li l-Konvenut ġie ċertifikat li qed isofri minn ġrieħi ta' natura insinjifikanti (ara rapport a' fol 69, 70 u 72).

Fis-6 ta' Mejju l-Attur mar l-Isptar għax ħassu stordut u muġugħ. Wara li sarlu CT scan irriżulta li kellu *blood haemorrhage* u għalhekk ġie operat l-għada filgħodu. Huwa ġie dimess mill-isptar fit-12 ta' Mejju 2018 (ara affidavit fol 40 para 7, ritratt a' fol 43, case summary markata bħala Dok F a' fol 50).

Fit-22 ta' Mejju 2018, l-Attur reġa mar l-isptar għax baqa', jbati bl-istordamenti u bl-uġiegħ tar-ras. Mis-CT scan li reġa' sarlu instab li kellu d-demm f'rasu u għalhekk reġa ġie operat dak inhar stess. Huwa ġie dimess mill-isptar fid-29 ta' Mejju 2018 (ara affidavit a' fol 40 para 8 u case summary markata bħala Dok G a' fol 52).

Jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-kumpanija assikuratriċi li, minħabba l-verżjonijiet kunfliġġenti tal-partijiet, il-kumpanija kienet issuġerietilhom imorru arbitraġġ privat. Din il-proposta iżda ma kienetx possibli minħabba li ż-żewġ partijiet riedu jitolbu d-danni għal korriment subit minnhom waqt l-inċident (ara xhieda ta' Malcolm Aquilina a' fol 86B u xhieda ta' Kristian Vella a' fol 292 u 293).

B'ittra uffiċċjali preżentata fil-11 ta' Lulju 2018, l-Attur interpella lill-Konvenut sabiex jersaq għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minnu kkaġunati u sofferti in segwitu għall-inċident in kwistjoni (ara fol 5 jew 46).

Il-Konvenut irrespinġa l-pretensjonijiet tal-Attur b'ittra legali datata 19 ta' Lulju 2018 (ara fol 343). B'affidavit maħluf dak inhar ukoll, il-Konvenut ikkorrabora l-verżjonijiet preċedenti tiegħu bis-segwenti:

*"Illi dakinhar tat-2 ta' April 2018 għall-ħabta tal-5.30pm kont qiegħed insuq il-karozza tiegħi tat-tip Daihatsu bin-numru ta' reġistrazzjoni ABR 276 fi Triq tal-Barrani, iż-Żejtun. Jien kont ġej minn naħa taż-Żejtun u ridt immur għal Bulebel;*

*Jien kont ninsab fil-karreġġata li tmur għal Bulebel u kont wieqaf f'din il-karreġġata peress li l-kulur tat-traffic lights kien aħmar. Hekk kif il-kulur qaleb għal aħdar ksirt għan-naħa ta' Bulebel u soqt. Hekk kif ksirt ġiet karozza tat-tip Mazda mid-direzzjoni ta' Ħal Tarxien u li kienet sejra lejn iż-Żejtun. Din il-karozza daħlet fil-karozza tiegħi."* (ara fol 342 para 1 u 2).

Fis-16 ta' Ottubru 2018, l-Attur istitwixxa dawn il-proċeduri.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquiljana lill-Konvenut, għad-danni li l-Attur jallega li sofra u qed isofri konsegwenza tal-ħsara li huwa ġarrab kemm fuq il-persuna kif ukoll fuq il-vettura tiegħu.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiljana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. **F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni**:

*"L-**Art 1031 tal-Kap 16** jistabilixxi illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-principju illi min ikun l-awtur tal-hsara huwa obbligat jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi li l-att igib mieghu.*

*Il-ligi generali taghna ma taghtix tifsira ta` culpa izda bhala effett tal-**Art 1032(1) tal-Kap 16** tidentifikaha bhala mgieba fejn jirrizulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias.*

*Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "**min ifittex ghad-danni jrid jipprova** mhux biss **l-att jew ommissjoni kolpuza** izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).*

*Huwa wkoll accettat fil-gurisprudenza taghna illi "l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta` diligenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuz; "prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**).*

*Ikompli jinghad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-culpa: "quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione ad omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene"*

*Fis-sentenza fil-kawza "**Michael D`Amato noe vs Filomena Spiteri et**" deciza minn din il-Qorti (**PA/PS**) fit-3 ta` Ottubru 2003, b`riferenza ghall-Art 1031 tal-Kap 16, jinghad:–*

*"Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-15 ta` Dicembru 2015 fil-kawza "**Paul Azzopardi et vs Charles Grech et"** inghad illi :-*

*" … jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi.*

***<u>Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja.</u>*** *Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom"* (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Jirriżulta mill-fatti suesposti emerġenti mir-rapport tal-pulizija maħruġ dik inhar tal-inċident, jiġifieri fit-2 ta' April 2018, li l-vetturi tal-partijiet instabu "*maħbutin <u>fuq it-Traffic lights</u> ta' Triq tal-Barrani <u>fuq il-karreġjata li minn Ħal-Tarxien tmur fid-direzzjoni taż-Żejtun u fuq il-karreġjata li mid-direzzjoni taż-Żejtun tmur lejn Bulebel</u>."* (ara fol 74).

Il-Qorti teskludi għalhekk li l-ħabta setgħet seħħet minħabba li xi ħadd mis-sewwieqa ma kienx qiegħed isuq fil-karreġġjata t-tajba, jew li l-Konvenut kien qed isuq bi *speed*, kif hekk prova jikkontendi l-Attur fil-konfront tal-Konvenut fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu datata 27 ta' April 2018 (fol 320) u fl-affidavit preżentat minnu fil-5 ta' Ġunju 2019 (fol 39 para 3).

Kif hekk jistqarru wkoll il-partijiet fil-kawża u kif anke joħroġ ukoll mill-investigazzjoni tal-pulizija fir-rapport a' fol 73, il-kolliżjoni in mertu ġrat bejn il-vettura misjuqa mill-Attur u dik misjuqa mill-Konvenut fl-inkroċju regolat bit-

"traffic lights" li hemm fi Triq Tal-Barrani, Żejtun sabiex jingħata lis-sewwieq iċ-ċans li jaqsam it-triq prinċipali mingħajr riskju (a' fol 73).

L-inċident in vertenza huwa għalhekk kompletament marbut mal-osservanza tal-indikazzjoni senjaletika tad-dawl għat-Traffiku (*traffic/pelican lights*) murija fir-regolament 48 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq kif ġej:



| | | |
|---|---|---|
| AĦMAR ifisser ieqaf. Stenna wara l-linja fejn għandek tieqaf fuq il-karreġġata. | A Ħ M A R u G Ħ A M B R A wkoll ifissru ieqaf. Tibqax għaddej jew titlaq qabel ma juri l-Aħdar. | AĦDAR ifisser tista' tibqa' sejjer jekk ma hemm xejn xi jtellef. Oqgħod attent speċjalment jekk fi ħsiebek iddur lejn ix-xellug jew lejn il-lemin u agħti preċedenza lin-nies li jkunu qed jaqsmu. |







| **G Ħ A M B R A** | **G Ħ A M B R A** | **VLEĠĠA ĦADRA** |
|---|---|---|
| jfisser “ieqaf” fuq<br>il-linja biex tieqaf.<br>Tista’ tibqa’ sejjer<br>biss jekk l-<br>**GĦAMBRA** jidher<br>wara li inti tkun<br>qsamt il-linja biex<br>tieqaf jew jekk<br>tant tkun qrib li<br>jekk tieqaf tista’<br>tikkawża inċident. | waħdu jteptep<br>ifisser ‘Għaddi<br>b’kawtela’ | flimkien ma’ sinjal<br>aħdar - jekk ċaqliq<br>f’ċerta direzzjoni<br>jitħalla jsir qabel jew<br>wara ma jixgħel l-aħdar kollu.<br>Jekk ma jkunx għaddej traffiku tkun tista’ ssuq iżda biss fid-direzzjoni murija bil-vleġġa.<br>x’juru d-dwal l-oħra. |

Kif tajjeb irriteniet din il-Qorti per imħallef Albert J. Magri fil-kawża **Anthony Curmi vs Joseph Mifsud** datata 21 ta' Ġunju 2002, " *'Traffic lights' joholqu eccezzjoni ghar-regola tad-dritt ta' precedenza stabbilita fil-Highway Code fejn il-vetturi fuq triq principali ghandhom dejjem precedenza fuq il-vetturi li jkunu hergin minn triq sekondarja. Dawn it-'traffic lights' jbiddlu dan kollu billi jikkontrollaw 'il-flow' tat-traffic, sew fuq t-toroq principali kemm fuq dawk sekondarji billi jistabilixxu hin determinat meta vetturi fuq triq jew f'ohra jkunu jistghu jipprocedu. Dawn il-'lights' ghalhekk jservu skop definit u importanti billi f'inkrocji ta' certa volum ta' traffiku, jippermettu lit-traffiku hiereg minn toroq sekondarji, li jipprocedi. Daqstant ukoll jista' jinghad f'kaz fejn dawn il-'lights' jikkontrollaw zewg toroq ta' l-istess importanza. Huwa ghalhekk determinanti li s-sewwieqa jsegwu d-direttivi tat-'traffic lights'. Kuntrarjament jistghu jinholqu incidenti. Dan premess pero' ghandu jinghad li* ***daqskemm huma importanti dawn it-'traffic lights', id-determinazzjoni ta' htija f'incident f'inkrocju kontrollat minnhom, johloq diffikulta enormi ghall-gudikant. Dan qed jinghad billi f'dawn it-tip ta' kollizzjonijiet kull parti involuta tinsisti li hija harget fuq l-'ahdar'. Il-kwistjoni kollha ghalhekk tirrisolvi ruhha f'kwistjoni ta' kredibilita'.***" (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

Kif ġie kemm il-darba osservat, din il-kredibilitá li għandha tingħata lill-verżjonijiet tal-partijiet trid tiġi eżaminata fid-dawl tas-soliti kriterji tal-konsistenza u verosimiljanza (ara **Carmelo Farruġia vs Rokku Farruġia, Qorti Ċivili Prim'Awla per Imħallef M. Caruana Curran deċiża fl-24 ta' Novembru 1966** u kwotata f'ħafna kawżi ta' din ix-xorta). Dan anke fuq il-bilanċ tal-

probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi meta dawn jinduċu fil-ġudikant "*dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet"* (Enrico Camilleri vs Martin Borġ, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 17 ta' Marzu 2003).

Hu wkoll sew konoxxut fil-ġurisprudenza li "*fejn l-assjem ta' provi hu tali li l-versjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghal gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza tal-probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu – actore non probante, reus absolvitur. Ara "**Joseph Vincent Rausi nomine -vs- Joseph Muscat**", Prim'Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1992 per Imhallef Joseph Said Pullicino. Ara wkoll fl-istess sens id-decizjonijiet fl-ismijiet "**Dottor Herbert Lenicker -vs- Joseph Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju, 1972, per Imhallef Riccardo Farrugia u "**George Mifsud nomine -vs- Philip Micallef**", Appell Inferjuri, 1 ta' Lulju, 1997;*" (sottolinear ta' din il-Qorti) (**Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**, **Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 7 ta' Mejju 2010**).

Jirriżulta mill-fatti suesposti li kien il-konvenut li ried jitlaq minn karreġġjata waħda tat-triq prinċipali biex jaqsam il-karreġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta. Biex jagħmel din il-manuvra il-Konvenut kien obbligat li jistenna sakemm il-vleġġa ħadra tixgħel biex b'hekk tindika li t-traffiku fil-karreġġjata li

ried jaqsam kien wieqaf. S'intendi meta tkun mixgħula l-vleġġa ħadra għall-konvenut l-istess *traffic lights* juru, in alternanza, dawl aħmar lit-traffiku ġej fit-triq prinċipali li għalhekk kellhu jkun wieqaf sakemm il-konvenut jkun jista' jaqsam.

Fil-verżjonijiet mogħtija minnhom però, kemm l-Attur u anke l-konvenut isostnu li fil-mument ta' qabel l-inċident kienu qed isuqu fuq is-sinjal aħdar. Dawn iż-żewġ verżjonijiet jikkostitwixxu xhieda prinċipali fil-kawża, liema xhieda ma ġietx konfortata minn xhieda okulari jew prova oġġettiva oħra.

Huwa madanakollu ovvju li waħda minn dawn il-verżjonijiet bilfors m'għandhiex mis-sewwa. Dan għaliex, trattandosi ta' żewġ direzzjonijiet bl-inkroċju ta' xulxin, bl-ebda mod ma seta' jixgħel dawl aħdar għaż-żewġ sewwieqa, sakemm ma kienx jeżisti xi difett fil-funzjonament tat-*traffic lights*. Mix-xhieda tal-avukat Christopher Spiteri, in rappreżentanza ta' Transport Malta, ma jirriżultax li kien hemm xi difett in propositu (ara xhieda a' fol 385 et seq). Dan ifisser li l-inċident setgħa seħħ biss minħabba li xi ħadd mis-sewwieqa m'obdiex il-*lights* u baqa' għaddej fuq is-sinjal aħmar u/jew għambra.

Fin-nota tiegħu (a' fol 503), il-Konvenut jissenjala l-fatt li l-kwistjoni tal-i*speed* ġiet imsemmija mill-Attur fl-affidavit maħluf minnu fil-5 ta' Ġunju 2019 (fol 39) iżda mhux ukoll fil-verżjoni mogħtija mill-istess Attur a tempo vergine fit-2 ta' April 2018 (fol 70). Huwa jissottometti li dan il-fatt, għalkemm ta' natura "*de minimis, xorta waħda jitfgħu element ta' dubju dwar il-veraċitá u l-onestá*" tal-Attur. Il-Konvenut ipoġġi wkoll fid-dubju l-veraċitá tad-dikjarazzjoni li tat mart l-

Attur, skontu mogħtija sentejn wara iżda li fil-veritá ġiet mogħtija biss ħamsa u għoxrin jum wara, meta mqabbla mal-aġir tagħha a tempo vergine fejn, fi kliem l-Attur żewġha, "*anqas indunat b'xejn*". Dan tant li ma tgħat l-ebda verżjoni lil Pulizija.

Madanakollu la ż-żieda tal-ispeed fl-affidavit tal-Attur, u lanqas id-dikjarazzjoni ta' martu, ma tikkostitwi xi bidla mil-verżjoni oriġinali tal-Attur mogħtija lill-pulizija a tempo vergine għal dik riżervata għall-qorti odjerna, fejn fihom dejjem insista li għadda minn fuq is-sinjal aħdar. L-istess għaldaqstant ma jwasslux għal xi inkonsistenza jew inverosimiljanza tali li jinduċu f'din il-Qorti "*dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex*" sabiex tasal tikkonkludi li kien l-Attur u mhux il-konvenut li għaddha fuq l-aħmar u/jew għambra u b'hekk tattribwixxi lilu l-ħtija tal-inċident. Dan speċjalment fid-dawl tal-verżjonijiet pjuttost vagi tal-Konvenut innifsu.

Tabilħaqq, kien biss fl-istatement tal-claim sottomessa minnu fit-13 ta' April 2018 li l-Konvenut iddeċieda jsemmi speċifikament il-vleġġa l-ħadra (ara fol 332). La fil-verżjoni tiegħu meħuda *a tempo verġine* mill-pulizija (a' fol 73), la fl-affidavit maħluf minnu fid-19 ta' Lulju 2018 (a' fol 342) u l-anqas fil-kontroeżami tiegħu (a' fol 427 faċċata 2 et seq u fol 489 et seq) ma ġie mill-Konvenut speċifikat li d-dawl kien dak aħdar bil-vleġġa.

Mill-ewwel ritratt preżentat mir-rappreżentant ta' Transport Malta (a' fol 391), jirriżulta li s-senjaletika tad-dawl li jirregola l-progress tat-traffiku li ġej mill-istess direzzjoni tal-Attur, jiġifieri minn Ħal Tarxien għaż-Żejtun, huwa indikat bis-solitu

ċirku aħdar, għambra jew aħmar skont kif muri fl-ewwel parti tar-regolament 48 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq su ċitat.

Joħroġ iżda mit-tieni ritratt hekk preżentat a' fol 390, li l-progress tat-traffiku li ġej mill-istess direzzjoni tal-konvenut, jiġifieri miż-Żejtun għal Ħal Tarxien, huwa regolat b'senjaletika tad-dawl bi vleġġa. Fuq in-naħa tal-lemin hemm żewġt idwal ħdejn xulxin b'din il-vleġġa. Minn dawn iż-żewġt idwal bil-vleġġa, id-dawl tax-xellug huwa intiż biex jirregola t-traffiku li ried jibqa jipproċedi fi Triq tal-Barrani għad-dritt u għalhekk dejjem juri vleġġa b'direzzjoni vertikali. Id-dawl tal-lemin huwa intiż esklussivament biex jirregola il-progress ta' vetturi li riedu jagħmlu l-manuvra li ried jagħmel il-konvenut, u għalhekk dejjem juri vleġġa b'direzzjoni oriżżontali.

Il-fatt li l-Konvenut ma speċifikax li d-dawl aħdar li nxtel huwa wieħed bil-vleġġa b'direzzjoni oriżżontali, jdgħajjef l-allegazzjoni tiegħu li huwa wkoll kellhu d-dawl aħdar li jissenjala karreġġjati liberi.

F'dan ir-rigward ġie osservat f'kawża kważi identika għal din tal-lum li "*a tempo vergine il-konvenut irrefera biss ghal dawl ahdar u qatt ma specifika li dan kien id-dawl ahdar bil-vlegga li kien biss jawtorizzah li jista jipprocedi. Fi kwalunkwe kaz il-konvenut dejjem ghamel riferenza ghal dawl wiehed ahdar li kien mixghul u qatt ma allega li z-zewg dwal hodor quddiemu kienu mixghulin kif fil-fatt kellhu jkun il-kaz meta jixghel id-dawl ahdar bil-vlegga li kien jirregola l-progress tieghu.*

*Dan il-fattur huwa ghalhekk indikattiv li l-konvenut ma kienx attent bizzejjed fl-osservazzjoni tad-dwal li kienu qed jirregolaw s-sewqan tieghu u ghalhekk issib li fuq bilanc ta probabilita' il-verzjoni attrici hija l-unika wahda attendibbli u konsegwentement issib li l-konvenut huwa unikament risponsabbli għall-kollizzjoni 'de quo' u ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni kollha li sofrew l-atturi per konsegwenza.*" (Ara **Elmo Insurance Agency Limited vs Felix Salerno**, **Qorti tal-Maġistrati (Malta), 14 ta' Jannar 2004)**.

Din il-Qorti bl-istess mod u għall-istess raġuni ssib, fuq bilanċ ta' probabbilitá, li l-Konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident de quo u għalhekk ser tgħaddi biex tikkonsidra x-xorta tad-danni li qed jiġu reklamati mill-Attriċi.

**<u>Likwidazzjoni danni</u>**

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Filwaqt li Lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*" Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi

Ċivili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (**Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

<u>Danni attwali</u>

L-Attur irid li jiġu kalkolati bħala danni attwali spejjeż elenkati fin-nota a' fol 499, konsistenti fis-segwenti:

1. Telf ta' Paga minħabba li kellu jiġi sottopost għal eżamijiet mediċi minn diversi tobba, fl-ammont ta' €204.61.

Fil-ġurnata tal-inċident l-Attur kellu 79, jiġifieri kien qabeż l-etá lavorattiva skont l-artikolu 2 tal-Kap. 318. Għalkemm fix-xhieda tiegħu isostni li fil-ġurnata tal-inċident kien jaħdem part-time f'banka tal-lottu (ara xhieda a' fol 219 faċċata 2 et seq, dikjarazzjoni ġuramentata a' fol 462 u k/eżami a' fol 485 et seq), l-Attur ma preżenta l-ebda prova ta' dħul skont l-FS3 relattiva għal dik is-sena li fiha seħħ l-inċident. Kellu talinqas pproduċi bħala xhieda lil ħutu, li skontu jaħdmu bl-istess mod f'banek tal-lottu jew lil sid il-banka

stess fejn suppost jaħdem biex jikkoraboraw il-verżjoni tiegħu, u speċjalment li ma ddikjarax l-ammont ta' qliegħ minnu reklamat (ara k/eż a' fol 485).

Fis-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino -vs- Angelo Xuereb noe et tat-3 ta' Lulju 2003** intqal li :- "*fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilta extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert",*

Għalhekk biex ikun komplet it-tagħlim imsemmi ma hux biżżejjed li jiġi pprovat li kien hemm tort, iżda li dan it-tort wassal għal danni li jkunu rejali. Dan jiġi stabbilit permezz ta' provi konreti bħal ma huma dokumenti jew xhieda estreneja. Fir-rigward tad-danni partikulari li qiegħed jirriklama l-Attur din ix-xorta ta' prova ma inġabitx. Għalkemm il-Qorti tissimpattiżża mal-vittma li ma għandiex tort, dan ma jfissirx li kull ma tallega għandu jittieħed bħala vanġelu. Ei qui allegat onus incumbit probandi hija massimu li mhux biss hija santifikata fil-kodiċi tal-Proċedura tagħna, imma l-istess raġuni tiddetta li hekk għandu jkun. Il-Qorti fil-proċess tħares lil kull parti għaliex u ħadd m'għandu jieħu inqas pero' l-anqas aktar minn dak li trid il-liġi u l-ġustizzja.

Il-Qorti għaldaqstant ma tistax tqis dan l-ammont fil-kalkolu ta' damnum emergens dovut lilu.

2. Valur tal-Vettura skont l-istima tal-aġenzija tal-assikurazzjoni Gasan Mamo Insurance magħdud l-ispejjeż tat-towing fl-ammont ta' €6,350.

Mill-istima tas-surveyor preżentata mir-rappreżentant tal-kumpanija assikuratriċi jirriżulta li l-ispejjeż tal-ħsarat jammontaw għal €5,620.78 (ara fol 318). Is-somma assigurata iżda hija €6,300 (ara fol 316). Il-Qorti tqis li fil-kalkolu ta' danni attwali għandha tieħu il-valur tal-ispejjeż tal-ħsarat u mhux is-somma assigurata kif hekk qed jippretendi l-Attur. Dan għaliex fis-survey report ma hemm l-ebda indikazzjoni li ħsarat fil-vettura huma tali li jirrenduha *total loss* iżda biss li huma ta' natura "*extensive (heavy)*" fl-ammont hemm indikat. Dan ifisser li tista' tissewwa u tiġi għall-istat li kienet. Għaldaqstant ma hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti għandha tgħati lill-Attur l-ammont tal-valur u mhux l-ammont ta' ħsarat.

Fir-rigward tat-towing, l-irċevuta preżentata a' fol 459 turi li dan qam €50. Isegwi li s-somma ta' danni attwali dovuta lill-Attur konsistenti fi ħsarat tal-vettura u spejjeż tat-towing tammonta għal <u>€5,670.78</u> (€5,620.78 + €50).;

3. Telf ta' Vaganza fl-ammont ta' €100.78. Ġie dikjarat mill-Attur stess li dawn il-flus ġew *refunded* (ara xhieda a' fol 424 u 485 D faċċata 2). Isegwi għalhekk li ma hemm l-ebda ħlas ta' telf ta' vaganza dovut lill-Attur.

Il-Qorti għalhekk tillikwida danni f'telf attwali subiti mill-Attur konsegwenza ta' dan l-inċident fl-ammont ta' <u>**€5, 670.78**</u>

<u>Telf ta' Qliegħ Futur (lucrum cessans)</u>

Kif ġia aċċennat fil-parti tal-likwidazzjoni tat-telf attwali, l-Attur jikkontendi li fiż-żmien tal-inċident huwa kien jaħdem part-time f'banka tal-lottu, li minn hemm kien jaqla' €800 fix-xahar, u li ma baqax hekk jaħdem konsegwenza tal-inċident in kwistjoni (ara xhieda a' fol 219 faċċata 2 et seq, dikjarazzjoni ġuramentata a' fol 462 u k/eżami a' fol 485 et seq). Kif ġia ingħad, dan it-telf ta' qliegħ ma' ġiex pruvat bil-mod kif tirrikjedi l-liġi ai termini tal-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-liġijiet. Il-Qorti għaldaqstant ma tistax tqisu fil-kalkolu minnha tal-ammont ta' telf ta' qliegħ futur dovut lill-Attur.

Ġie madanakollu stabbilit li l-Attur, qua d-danneġġjat, għandu xorta jiġi kkumpensat, irrispettivament mill-fatt li ma ġiex pruvat li ħa jitlef mill-introjtu tiegħu konsegwenza tal-inċident. F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak insenjat mill-**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Ċivili (per Imħallef Anthony Ellul) Rik. Nru. 943/09TA 18 fil-kawża Gużeppi Grech et vs Emanuel Sultana et datata 24 ta' Ġunju 2008**: "*Il-ġurisprudenza lokali mxiet fid-direzzjoni li tillikwida lucrum cessans anke fejn mill-provi ikun irriżulta li strettament id-danneġġjat ma jkunx sofra telf ta' paga jew qligħ attwali jew għal quddiem. Fil-kawża* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et*** *deċiża fis-16 ta' Marzu 2004, ġie osservat: "Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li kumpens għal diżabilita' permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha – ara f'dan ir-rigward* ***George Gatt vs Francis E. Carbone nomine*** *deċiża minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u*

*diversi sentenzi oħra in materja.” Sewwa qalet il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Noel Arrigo) fil-kawża* **Susanne Davis et vs Anthony Galea** *deċiża fl-10 ta’ Ottubru 1997 li “Il-maggior parti tas-sentenzi tagħna invece jistrieħu biss fuq il-fatt ta’ disabilita’ mingħajr ma jsir eżami profond jekk dik id-diżabilita’ hijiex verament sejra tikkaġuna telf futur.” Din hi r-realta’, minkejja l-fatt li minn qari tal-provvediment jidher li din qiegħda tirregola l-effett li ħsara għandha fuq qligħ attwali u tal-futur tad-danneggjat. F’dan il-kuntest l-istess Qorti fil-kawża* **Joseph Caruana vs Joseph Gafa** *deċiża fid-29 ta’ Mejju 1998 reġgħet ikkonfermat li: “Fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta’ ċertezza u nuqqas ta’ ambigwita’ jimponu teorija li teżigi li kull tip ta’ disabilita’ permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentagg tagħha.” (Fil-kawża li diġa’ saret riferenza għaliha fl-ismijiet* **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et**, *jingħad: “Din il-Qorti lanqas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-gradd baxx ta’ diżabilita’ għandu jxejjen il-possibilita’ li jiġi akkordat kumpens u dan għaliex il-grad ta’ diżabilita’ li jiġi stabbilit permezz ta’ esperti in materja qiegħed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le dovut kumpens, iżda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun.”).* ***Proposta li biha jigi rikonoxxut li d-danneġġjat jiġi kkumpensat irrispettivament dwar jekk fir-realta’ l-ħsara kellix effett fuq il-qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat, u kollox ikun jiddependi mill-grad ta’ inkapaċita’ li jkun sofra.*** *Tajjeb li ssir riferenza għal numri ta’ sentenzi li l-qorti tqies li huma rilevanti:-*

*(a)* ***Joseph Smith vs Peter Grech*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imħallef Albert Magri) fl-4 ta' Ottubru 1995, id-danneġġjat kellu 67 sena u minkejja l-ġrieħi li sofra xorta "…kien u baqa ser jirċievi l-pensjoni bl-increments kollha tagħha." Madankollu l-Qorti llikwidat id-danni bil-metodu stabbilit fis-sentenza Butler vs Heard in kwantu skond il-Qorti, dik is-sentenza kienet tikkontempla "danni futuri anke f'każ li dawn, bħal fil-każ in eżami, mhux ser jiġu sofferti."*

*(b)* ***Francis Farrugia vs David Darmanin*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Raymond Pace) fil-21 ta' Marzu 2002. Id-danneġġjat ma kienx jaħdem għaliex kien ġie boarded out u kien qiegħed jirċievi pensjoni ta' diżabilita. Il-qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni bħala lucrum cessans. Il-Qorti spjegat: "Illi madanakollu huwa għandu jiġi kkumpensat tad-danni li sofra dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni rejali tieghu, fejn jidher li l-istess konvenut kien qata' mix-xoghol u anke qabel l-incident ma kienx f'posizzjoni li jaħdem." Dan minkejja li ġie ċertifikat li r-rata ta' debilita' kienet biss ta' 1% u ma kienitx effettwat il-qliegħ futur tiegħu. Il-qorti għaddiet biex tillikwida d-danni fuq bażi ta' arbitrio boni viri.*

*(c)* ***Saviour Sammut et vs Robert Demanuele*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-12 ta' Lulju 2002. F'dan il-każ id-danneġġjata kienet mara tad-dar u kellha 65 sena. Il-Qorti xorta għaddiet biex tillikwida lucrum cessans.*

*(d)* ***Sylvia Rosso vs Etienne Galea*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Joseph R. Micallef) fit-3 ta' April 2003. Fil-jum ta' l-inċident (6 ta' Ġunju*

*2000) l-attriċi kellha 65 sena. Il-Qorti osservat: "Illi l-attriċi wriet li, għalkemm kienet armla, qabel l-inċident kienet mara attiva li tħobb il-ħruġ u ż-żfin u kienet tivvjaġġa. Dawn l-attivitajiet naqsu sewwa wara l-inċident …. Hija bir-raġun kollu tissottometti li bil-liġi jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi li ġarrbet, ukoll jekk qabel ma kienitx taħdem bi qligħ, għall-fatt li hija kienet mara tad-dar u kienet iżżomm id-dar hi bil-ħidma tagħha. Minbarra dan, hija wriet li kienet tgawdi minn stat ta' saħħa tajjeb qabel seħħ l-inċident u għalhekk kienet mistennija tgawdi minn żmien ta' ħajja attiva għal għadd ta' snin oħrajn, li kieku ma kienx għalih." Il-Qorti għaddiet biex tillikwida l-kumpens mistħoqq lill-attriċi taht it-titlu ta' lucrum cessans.*

*(e)* ***Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-28 ta' Frar 2007. Fil-ġurnata tal-inċident l-attur kellu 73 sena u kien attiv ħafna, jimxi fit-tul u jfendi għal rasu. Wara l-incident kellu bżonn bastun, beda jsofri minn dipressjoni għaliex ma setax ikompli jagħmel l-attivita' li kien jagħmel qabel. Il-Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens mistħoqq lill-attur fuq bazi ta' arbitrio boni viri taħt it-titlu ta' lucrum cessans.*

*(f)* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et*** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004. Id-danneġġjat kellu 74 sena u ġie ċertifikat li qiegħed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rriżulta li bħala dħul kellu l-pensjoni u li l-incident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-qorti ġġustifikat id-deċiżjoni li tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur minħabba "l-ispejjeż żejda li jkollu jagħmel minħabba d-diżabilta' tiegħu dawn ifissru qliegħ inqas għalih…….". Spejjeż li*

*mis-sentenza ma jirriżultax x'setgħu kienu. Għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni għalkemm l-attur kellu din l-eta' avvanzata, il-Qorti xorta għamlet użu mill-formola li normalment tintuża f'każijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' lucrum cessans u addottat multiplier ta' għaxar (10) snin. Il-Qorti tal-Appell irriduċiet il-multiplier għal tmien (8) snin peress li l-attur miet fil-kors tal-proċeduri. Din il-Qorti tibqa' ssostni li xorta tal-fehma li l-intervent tal-leġislatur għandha sservi bħala mezz sabiex dak li qiegħed jingħad fil-ġurisprudenza jkun rifless fil-provvedimenti tal-liġi.*"

L-awtur taljan Torrenti jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' guisto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

Il-Partijiet qablu li l-aspettativa tal-ħajja f'każ ta' persuna fl-eta' li għandu jkun fl-*age multiplier* ta' mhux anqas minn sitt snin. Pero l-Qorti ser tqies il-"life expectancy" tal-Attur sal-eta' ta' 87 sena. Il-Qorti tqies li l-Attur, qabel l-inċident kien għadu f'saħħtu, tant li kien jikkompeti anke f'attivitajiet sportivi (ara a' fol 33). Għalhekk il-multiplier li ser tuża il-Qorti fiċ-ċirkostanzi huwa dak ta' sebgħa (7) snin. Kwantu għall-lump sum payment, stante li l-Kawża ilha pendenti għall-erbgħa snin (4), tmintax fil-mija (18%) lump sum payment għandu jkun adegwat. Kwantu għall-perċentwal ta' disabilita permanenti, il-konvenut ma hux jikkontesta dik ta' sitta fil-mija (6%)(Ara rapport mediku a' fol 396 faċċata 2). Bħala entrojtu Saviour Theuma, rappreżentant tad-Dipartiment Tas-Servizzi

Soċjali, preżenta tabella tal-ammont li jirċievi bħala pensjoni mill-2018 sal-2021 li b'kollox irċieva ħamsa u għoxrin elf, sebgħa u sittin punt erbgħa u ħamsin euro sal-ġurnata ta' meta xehed ix-xhud inkwistjoni (a' fol 477).

Kwantu għal dak li jirċievi bħala pensjoni, l-Attur ma hu ser isofri ebda telf għaliex dawn dejjem ser jibqa' jirċievihom. B'dan ma jfissirx li din il-Qorti ma għandiex, anke arbitrio boni viri, tistabilixxi ammont ta' danni għal telf futur, għaliex kif diġa' ingħad, l-Attur minkejja l-eta' tiegħu, kien għadu attiv. Il-Qorti qiegħda wkoll tieħu in konsiderazzjoni li meta persuna tkun ta' ċerta' eta'u tkorri, il-korriment iġib miegħu aktar komplikazzjonijiet minn meta dak li jkun għadu f'eta' iżgħar u di piu' iċċaħħad lill-persuni mill-ftit pjaċiri limitati li ġġib magħha eta' avvanzata.

L-awtur John Munken fil-ktieb **Munken on Damages for personal Injuries and Death** jagħmel referenza għas-Sentenza ingliża fl-ismijiet ta' **Frank -vs- Cox tal-1967** u jikkwota lil Sachs Li jgħid hekk:

*"I take the view that when one has a person in advancing years, in some respect of impairment of movement may perhaps be more serious than it is with a younger person. It is…true that he has not got as many years before him through which he has to live with this discomfort, pain and impairment of movement. But it is important to bear in mind that as one advances in life one's pleasures and activities particularly become more restricted and any substantial impairment in the limited amount of activity and movement which person could undertake, in my view, becomes all the more serious on that account"* (**Op cit**

**12th Edition, Lexis Nexis, pg 52 para 6.33**). Fil-każ imsemmi il-vittma kellha sebgħa u sebgħin sena (77).

Għalkemm il-liġi ingliża ma hiex esattament bħal dik maltija fir-rigward ta' komputazzjoni ta' danni naxxenti minn inċidenti u sinitri, din il-Qorti jidhrilha li l-parti fuq ċitata hija ugwalment applikabbli għas-sitwazzjoni li għandha quddiemha.

Applikat dan l-insenjament din il-Qorti sejra wkoll, tillikwida d-danni fuq bażi ta' *arbitrio boni viri*. Wara li, inter alia, qieset l-etá tad-danneġġjat fid-data tal-inċident (79 sena); li mid-data tal-inċident għaddew diġa erbgħa snin; it-tip ta' debilitá li qiegħed isofri minnha (sturdamenti u diżorjentazzjoni – rapport espert mediku maħtur mill-Qorti a' fol 396); ir-rata ta' diżabbilitá permanenti li qed ibati minnha (6% - ara rapport tal-espert mediku maħtur mill-Qorti a' fol 396 faċċata 2); kif ukoll l-effett li dan l-inċident jistgħa qed ikollu fil-ħajja ta' kuljum, din il-Qorti ser tiffissa s-somma u bl-adoperi tas-soliti kriterji fuq imsemmija.

Il-Qorti qed tillikwida d-damnum emerges fl-ammont lejn l-eqreb ewro fl-ammont ta' ħamest elef sebgħa mija u ħamsa u ħamsin ewro (€5,755). Dan jirrifletti l-ammont ta' sitt elef mitejn u sitta u sittin (€ 6, 266) media tal-ammont ta' pensjoni riċevut skont it-tabella fuq imsemmija. Dan l-ammont ġie multiplikat għal sebgħa (7) snin, aspettativa tal-ħajja li jwassal tlieta u erbgħin elf, tmien mija u sitta u tmenin ewro (€43,868). Minn dan l-aħħar ammont tnaqqas tmintax fil-mija (18%) lump sum payment li jammonta għal ħamsa u tletin elf disgħa mija tnejn u sebgħin ewro (€35, 972). Sitta fil-mija (6%) perċentwal ta' disabilita' ta' dan l-

ammont, li jwassal għal dak finali ta' elfejn mija u tmienja u ħamsin punt tnejn u tletin (€2,158.32). Dan l-ammont għalhekk jirrappreżenta d-*damnum emergens.* Dan ifisser li s-somma kollha finali ta' danni sofferti hija dik sebgħat elef tmien mija u disgħa u għoxrin ewro (€7,829) meta mas-somma rappresetanti lucrum cessans tingħaddt ma' dik tad-damnum ermergens.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Konvenut John Mary Briffa;**

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara li l-inċident hawn fuq imsemmi tat-2 ta' April 2018, fi Triq tal-Barrani, Żejtun, seħħ unikament tort tal-Konvenut;

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tiddikjara, għalhekk, lill-Konvenut bħala responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-Attur bħala konsegwenza tal-istess inċident;

**Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tillikwida d-danni kollha sofferti mill-Attur konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans bħala konsegwenza tal-inċident fuq imsemmi fl-ammont ta' sebgħat elef tmien mija u disgħa u għoxrin ewro (€7,829).

**Tilqa' r-raba' talba Attriċi** u tikkundanna lill-Konvenut iħallas lill-Attur dik is-somma hekk likwidata fit-tielet talba rappreżentanti d-danni kollha sofferti mill-Attur bħala konsegwenza tal-inċident fuq imsemmi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Lulju 2018 u bl-imgħaxxijiet legali dekorribbli mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**